# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 10 ta' Ottubru, 2019**

**Kawża Nru. 5**

**Rik. Nru. 624/08JRM**

**CASINO-FOR-ME LIMITED (C – 37398)**

vs

**CHARTWELL GAMES (MALTA) LIMITED (C – 35153)** u b'degriet tal-15 ta' Jannar, 2013, il-kumpannija intimata issa taqra Amaya (Malta) Ltd.

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fis-17 ta' Ġunju, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija attriċi titlob li din il-Qorti ssib (i) li l-kumpannija mħarrka naqset milli tipprovdilha u tikkonsenjalha l-'*customer passwords'*; (ii) li b'riżultat ta' dan l-aġir, ġarrbet danni minħabba l-inadempjenza tal-istess kumpannija mħarrka; (iii) tillikwida d-danni mġarrba, jekk hemm bżonn bil-ħatra ta' perit imqabbad minnha, u (iv) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallasha d-danni hekk likwidati. Talbet wkoll l-ispejjeż, magħduda dawk tal-Mandati kawtelatorji ta' Sekwestru u ta' Qbid ippreżentati

kontestwalment mar-Rikors Maħluf, flimkien mal-imgħaxijiet legali sal-jum tal-ħlas effettiv;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Ġunju, 2008[1], li bih ordnat in-notifika lill-kumpannija mħarrka u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-8 ta' Mejju, 2009, li biha laqgħet għat-talbiet attriċi fil-mertu billi ċaħdet ix-xiljiet miġjuba kontriha, u saħqet li l-pretensjonijiet tagħha jridu jiġu ppruvati kif imiss. Qalet li kienet miżmuma milli tgħaddi l-*passwords* bil-mod mitlub lilha mill-kumpannija attriċi. Żiedet tgħid li l-kumpannija attriċi ma kellhiex għalfejn tistrieħ fuq it-tagħrif mogħti lilha mill-eċċipjenti ladarba l-attriċi diġà kellha tagħrif tal-klijenti tagħha stess u setgħet dejjem għamlet kuntatt magħhom b'mod dirett. Minbarra dan, għal skopijiet marbuta mal-proċess ta' migrazzjoni minn fuq il-kumpannija imħarrka għall-kumpannija Boss Media, l-eċċipjenti tgħid li offriet li ssir laqgħa mal-kumpannija li kienet ser tissupplixxi s-servizz lill-kumpannija attriċi minflokha, iżda l-kumpannija attriċi għażlet li ma tweġibx għall-istedina tagħha. Laqgħet ukoll billi qalet li fil-ftehim milħuq bejniethom, il-partijiet qablu fuq l-ogħla ammont ta' dannu li parti setgħet titlob mingħand il-parti l-oħra, liema ammont huwa ferm anqas minn dak pretiż mill-kumpannija attriċi f'din il-kawża;

Rat id-degriet tat-13 ta' Ottubru, 2009[2], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi tal-partijiet;

Rat id-degrieti tagħha tal-11 ta' Awissu, 2011[3], u 4 ta' Jannar, 2012[4], li bihom u fuq talbiet magħmula mill-kumpannija mħarrka waqt is-smigħ quddiem l-Assistent Ġudizzjarju tal-20 ta' Lulju, 2011, u d-19 ta' Diċembru, 2011, ċaħdet li jitressqu quddiemha dokumenti li jolqtu ir-relazzjoni bejn il-kumpannija attriċi u l-kumpannija Boss Media, jew li tisma' xhud in rappreżentanza tal-kumpannija Boss Media wara riżerva mressqa mill-kumpannija attriċi;

[1] Paġġ. 20 – 1 tal-proċess
[2] Paġ. 152 tal-proċess
[3] Paġ. 513 tal-proċess
[4] Paġ. 593 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Ġunju, 2012[5], li bih u fuq kjarifika magħmula mill-Avukat tal-kumpannija mħarrka u l-irtirar tar-riżerva mressqa mill-Avukat tal-kumpannija attriċi, awtorizzat is-smigħ tax-xhud in rappreżentanza tal-kumpannija Boss Malta waqt smigħ miżmum quddiemha;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju u dik mogħtija quddiemha;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Ottubru, 2012[6], li bih tat lill-partijiet zmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi tal-21 ta' Diċembru, 2012[7];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka tal-25 ta' Marzu, 2013[8], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri magħmula mill-avukati tal-partijiet[9];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni minħabba nuqqas ta' twettieq taż obbligazzjoni miftehma. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "CFM") tixli lill-kumpannija mħarrka (min issa 'l hemm imsejħa "Chartwell") li naqset li twettaq obbligazzjoni li daħlet fiha fi ftehim ta' "*Software Development and Licence*" li għamlet magħha u issa qiegħda titlob id-danni minħabba dak in-nuqqas;

Illi għal din l-azzjoni Chartwell (li matul is-smigħ tal-kawża bidlet isimha għal Amaya (Malta) Limited) laqgħet billi ċaħdet ix-xiljiet miġjuba kontriha, u saħqet li l-pretensjonijiet tagħha jridu jiġu ppruvati kif imiss. Qalet

[5] Paġ. 623 tal-proċess
[6] Paġ. 656 tal-proċess
[7] Paġġ. 672 sa 699 tal-proċess
[8] Paġġ. 704 sa 745 tal-proċess
[9] Paġ. 747 tal-proċess

li kienet miżmuma milli tgħaddi l-*passwords* bil-mod mitlub lilha mill-kumpannija attriċi. Żiedet tgħid li CFM ma kellhiex għalfejn tistrieħ fuq it-tagħrif mogħti lilha minn Chartwell ladarba CFM diġà kellha tagħrif tal-klijenti tagħha stess u setgħet dejjem għamlet kuntatt magħhom b'mod dirett. Minbarra dan, għal skopijiet marbuta mal-proċess ta' migrazzjoni minn fuq il-kumpannija imħarrka għall-kumpannija Boss Media, Chartwell tgħid li offriet li ssir laqgħa mal-kumpannija li kienet ser tissupplixxi s-servizz lil CFM minflokha, iżda CFM għażlet li ma twieġibx għall-istedina tagħha. Laqgħet ukoll billi qalet li fil-ftehim milħuq bejniethom, il-partijiet qablu fuq l-ogħla ammont ta' dannu li parti setgħet titlob mingħand il-parti l-oħra, liema ammont huwa ferm anqas minn dak pretiż minn CFM f'din il-kawża;

Illi bħala <u>fatti relevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li kemm CFM u Chartwell kellhom liċenzja għal Logħob minn Distanza (*Remote Gaming Licence*[10]*)* maħruġa mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob[11] (minn issa 'l hemm imsejħa "l-Awtorità");

Illi bis-saħħa ta' ftehim magħmul bejniethom fit-28 ta' April, 2006[12], il-partijiet qablu li CFM (li kellha tkun l-operatur approvat mill-Awtorità) tinqeda b'*gaming software* ta' Chartwell (li kellha tkun il-'pjattaforma' approvata mill-Awtorità) fit-tħaddim tas-siti ta' logħob li CFM kellha fuq l-*internet*, magħdud it-titjib min-naħa ta' Chartwell tal-imsemmi *software* interattiv u wkoll b'liċenzi partikolari, u dan taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm maqbula. Il-ftehim kellu jdum fis-seħħ għal żmien tliet (3) snin mid-data effettiva u seta' jiġġedded b'għażla ta' CFM għal żmien ieħor ta' sentejn (2), jekk kemm-il darba CFM tgħarraf b'dan lil Chartwell imqar disgħin (90) jum qabel jagħlaq iż-żmien oriġinali[13];

Illi fil-5 ta' Ġunju, 2006[14], l-Awtorità ħarġet "*letter of intent*" lil CFM bil-kundizzjonijiet li riedet tħares biex tkun tista' tingħata l-liċenza li talbet. Il-liċenza rispettiva nħarġet b'seħħ mid-29 ta' Diċembru, 2006;

Illi wara li jidher li nqalgħu xi intoppi bejn il-partijiet u kienet mgħarrfa bihom l-Awtorità[15], intlaħaq ftehim bejn il-partijiet sabiex servizz ta' *interactive gaming* mogħti minn Chartwell lil CFM jintemm qabel iż-żmien

[10] Reg. 2 tal-A.L. 176 tal-2004 (L.S. 438.04) ifisser "*Logħob minn distanza*" bħala " *kull xorta ta' logħob b'mezzi ta' komunikazzjoni fil-bogħod*" (Dan ir-Regolament tħassar bl-Att XVI tal-2018, Kap 583): ara r-Reg. 2 tal-A.L. 242 tal-2018 (L.S. 583.04) għal tifsira tal-kliem "*mezzi ta' komunikazzjoni minn distanza*"
[11] Dokti. "FC2" u "FC3" f'paġġ. 204 – 5 tal-proċess (*Class I Remote Gaming* u *Class IV Remote Gaming* rispettivament*)*
[12] Dok "A", f'paġġ. 4 sa 19 tal-proċess
[13] Klawsola 14.1 tal-ftehim
[14] Dok "LGA2" f'paġġ. 388 – 9 tal-proċess
[15] Ara Dok "PL1", f'paġ. 31 tal-proċess

oriġinali miftiehem, b'seħħ mis-27 ta' Frar, 2008, fis-sitta ta' filgħaxija[16]. Il-partijiet qablu wkoll li l-klijenti reġistrati ma' CFM, li kienu jammontaw għal elf ħames mija u tmienja u tmenin (1,588)[17], jgħaddu (jemigraw) għand kumpannija li kienet ser tieħu post Chartwell – jisimha Boss Media AB – b'seħħ mill-għada li tintemm ir-rabta bejn CFM u Chartwell. Ta' min jgħid li mill-provi mressqa l-bidla minn Chartwell għal Boss Media min-naħa ta' CFM kienet ilha mgħarrfa lill-Awtorità sa minn Diċembru tal-2007[18], u dan għaliex bidla bħal dik titlob li jsir proċess ta' tħejjija li wkoll irid l-approvazzjoni minn qabel tal-Awtorità;

Illi sabiex dan il-proċess seta' jsir, fil-5 ta' Frar, 2008, CFM talbet mingħand Chartwell il-*passwords* li jużaw il-klijenti tagħha (biex ikollhom aċċess għas-sit elettroniku tagħha), u talbithom f'format li hija setgħet taqrahom (*f'text format)*[19]. Dan it-tagħrif kien għand Chartwell[20] f'sura *encrypted*[21], għalkemm il-ftehim kien iqis lil CFM bħala sidt dak it-tagħrif[22];

Illi mill-provi ħareġ li Chartwell għarrfet lil CFM li setgħet tibgħat it-tagħrif bil-mod mitlub minn CFM[23]. Iżda, minn stħarriġ li għamlet mal-Awtorità, irriżulta lil Chartwell li kien il-klijent biss (il-liġi ssejjaħlu "l-ġugatur") li seta' jkollu aċċess għall-*password* tiegħu, u li t-talba ta' CFM kif magħmula lilha kienet tmur kontra l-politika mħaddna mill-istess Awtorità[24]. CFM saret taf b'dan l-aħħar żvilupp mingħand Chartwell fis-26 ta' Frar, 2008[25], lejliet li kellu jintemm il-ftehim ta' bejniethom. Chartwell tgħid li lil CFM setgħet tgħaddilha l-istess tagħrif f'sura elettronika differenti minn dik mitluba minn CFM, iżda CFM dan ma talbitulhiex u lanqas sar kuntatt magħha minn Boss Media[26]. Min-naħa l-oħra, CFM tiċħad dan[27];

Illi sadattant, fl-ewwel nofs ta' Frar tal-2008, CFM ressqet talba mal-Awtorità fejn għarrfitha bl-iżviluppi li kienu se jseħħu bejnha, Chartwell u Boss Media. CFM qagħdet għall-kundizzjonijiet li għamlitilha l-Awtorità

---

[16] Dokti. "AD3" u "PL3" f'paġġ. 50 u 33 tal-proċess
[17] Ara l-affidavit ta' Alexander Duffy f'paġ. 37 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "AD10" f'paġġ. 75 sa 107 tal-proċess u Dok. "AD9" f'paġġ. 65 sa 74 tal-proċess
[18] Dok "FC5", f'paġ. 233 tal-proċess
[19] Ara Dok. "PL2" f'paġ. 32 tal-proċess
[20] Ara x-xhieda ta' Fiona Caruana f paġ. 324 tal-proċess
[21] *Ibid* paġ. 244 tal-proċess
[22] *Ibid* paġ. 165 tal-proċess
[23] *Ibid.*
[24] Ara Dokti. "FC7" u "LGA1" f'paġġ. 236 u 380 tal-proċess, u x-xhieda ta' Fiona Caruana f'paġ. 241 tal-proċess
[25] Dok. "AD5" f'paġ. 53 tal-proċess. Ara x-xhieda ta' Matt Avison f'paġ. 363 u f'paġ. 603A tal-proċess. Ara wkoll l-affidavit ta' Matt Avison f'paġ. 542 tal-proċess
[26] Ara x-xhieda ta' Matt Avison f'paġ. 359 tal-proċess
[27] Ara x-xhieda ta' Alex Duffy f'paġ. 375 tal-pro1ess

sabiex il-migrazzjoni setgħet isseħħ, fosthom dak li tgħarraf bil-migrazzjoni lill-klijenti tagħha stess[28];

Illi CFM tgħid li huma għamlu kuntatt mal-klijenti reġistrati tagħhom, iżda kienu biss mija u wieħed u tmenin (181) mill-elf ħames mija u tmienja u tmenin (1,588) li għażlu li jibqgħu magħha wara li seħħet il-migrazzjoni[29]. Hija tgħid li għarrfet b'dan u tat id-dettalji tal-klijenti tagħha lill-Awtorità[30];

Illi, kif miftiehem, fis-sitta ta' filgħaxija tas-27 ta' Frar, 2008, seħħet il-migrazzjoni minn fuq Chartwell għal fuq Boss Media. Fuq talba li ressqitilha CFM, Chartwell ħalliet is-sistema tagħha miftuħ biex Boss Media tkun f'qagħda li tikkonferma li t-tagħrif miżmum minn Chartwell għadda kollu. Fil-fatt is-sistema li Boss Media wirtet mingħand Chartwell ħadem tajjeb[31], madankollu, CFM tisħaq li t-tagħrif mgħoddi ma kienx jinkludi l-'*pass words*' tal-ġugaturi reġistrati magħha, liema tagħrif hija tgħid li kien l-aktar ħaġa essenzjali li riedet biex il-migrazzjoni ssir bla xkiel;

Illi fit-18 ta' April, 2008[32], CFM talbet lil Chartwell biex tagħmel tajjeb għad-danni li ġarrbet minħabba t-telf ta' klijenti;

Illi fid-9 ta' Mejju, 2008[33], Chartwell wieġbet għat-talbiet ta' CFM billi ċaħdet kull responsabbilità;

Illi fis-17 ta' Ġunju, 2008, infetħet din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali f'din il-kawża li jitolbu stħarriġ jintrabtu kollha mal-kwestjoni dwar jekk kienx hemm inadempiment kuntrattwali min-naħa ta' Chartwell, u l-konsegwenzi li jirriżultaw minnu. CFM tibni l-każ tagħha fuq in-nuqqas ta' twettiq fil-ħin min-naħa ta' Chartwell ta' dak li ntrabtet u wegħeditha li tagħtiha ladarba l-partijiet kienu qablu li jħollu r-rabta kuntrattwali li kellhom bejniethom. Minħabba f'hekk, tippretendi li Chartwell imissha tħallasha d-danni li ġarrbet minħabba li tilfet għadd kbir ta' ġugaturi li ma baqgħux jilagħbu fuq is-sit tagħha. Chartwell tilqa' għax-xiljiet attriċi billi tgħid li ma kien hemm l-ebda inadempjenza min-naħa tagħha u li jekk ma seħħewx xi affarijiet, dan ma kienx dovut lilha, iżda għal kawża ta'

---

[28] Dokti. "FC", "FC5", "FC6" u "FC8" f'paġġ. 178 sa 194, 233 – 5 u 257 – 8 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Fiona Caruana f'paġġ. 239 u 247 tal-proċess

[29] Ara l-affidavit ta' Alexander Duffy f'paġ. 38 tal-proċess u x-xhieda tiegħu f'paġ. 425 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Paul Leese f'paġġ. 487 sa 491 tal-proċess

[30] Doti "FC9" u "FC10" f'paġġ. 262 sa 285 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Fiona Caruana f'paġ. 348 tal-proċess

[31] Ara x-xhieda ta' Alex Duffy f'paġġ. 375 u 423 tal-proċess

[32] Paġ. 288 tal-proċess

[33] Dok. "FC11" f'paġġ. 286 – 7 tal-proċess

ħaġa 'l barra mis-setgħat tagħha. Chartwell iżżid tgħid li CFM setgħet mexxiet waħedha fil-kuntatt mal-klijenti tagħha, u li hi offriet li jsir kuntatt bejnha u l-kumpannija li kienet ser tipprovdilha s-servizz minflokha (Boss Media), iżda CFM naqset li twieġeb għall-istedina tagħha. Ittenni billi tgħid li, f'kull każ, fi ftehim milħuq bejniethom, il-partijiet qablu fuq l-ogħla ammont ta' dannu li parti setgħet titlob mingħand il-parti l-oħra, liema ammont huwa ferm anqas minn dak pretiż minn CFM f'din il-kawża;

Illi dwar il-kwestjoni tal-kawżali tan-nuqqas ta' twettiq tar-rabtiet kuntrattwali min-naħa ta' Chartwell, il-Qorti tagħraf li kull meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[34]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[35]. Biex itaffi dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri[36]. Huwa minn ewl id-dinja li, f'każ bħal dan, min jinvoka l-każ fortuwitu jew l-aċċident, irid jipprova hu dik l-allegazzjoni[37]. Fil-każ tal-lum, jidher li Chartwell tistkenn wara r-raġuni li dak li ma wettqitx ma taħtix għalih hi iżda għaliex ġiet imwaqqfa milli tagħmlu mill-Awtorità u mil-liġi[38];

Illi dwar jekk kienx minnu li l-imħarrek tassew sab ma' wiċċu ċirkustanzi lil hinn mir-rieda u mis-setgħa tiegħu li żammewh milli jagħti fiż-żmien miftiehem ix-xogħol ordnat, din il-Qorti tqis li biex jista' jingħad li parti kontraenti titqiegħed fl-impossibilità li twettaq dak li tkun intrabtet bih, irid jirriżulta li, wara li jkun sar il-ftehim, tkun inħalqet ċirkostanza fiżika, materjali jew ġuridika li tolqot direttament in-negozju obbligatorju[39]. Huwa magħruf li l-każ fortuwitu jeħles lill-parti li tinvokah mill-obbligu li twettaq ir-rabta kuntrattwali tagħha u milli tagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk biss u jekk kemm-il darba l-fatt tal-każ fortuwitu ma jkunx ġara minħabba xi għemil preċedenti li għalih tkun taħti dik l-istess parti[40]. Fuq kollox, biex tista' tittella' l-eċċezzjoni tal-każ fortuwitu, jeħtieġ li jintwera li ġrat xi ħaġa mhux tas-soltu li kellha sseħħ bilfors minkejja l-eżerċizzju ta' għaqal ordinarju ta'

[34] Art. 1132(1) Kap. 16
[35] Art. 1133 tal-Kap. 16
[36] Art. 1134 tal-Kap. 16
[37] App. Ċiv. **20.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Darmanin vs Schembri*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.440**)
[38] Dik li tirregola l-ħarsien tad-*data* (Att XXVI tal-2001, Kap 440, illum mibdul bl-Att XX tal-2018, Kap 586)
[39] App. Inf. PS **20.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Bonello vs Joseph Cutajar***
[40] P.A. **7.6.1938** fil-kawża fl-ismijiet ***Beżżina vs Grech et*** (Kollez. Vol: **XXX.ii.142**); u App. Ċiv. **15.1.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Sapiano et vs Fenech et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.149**)

missier tajjeb tal-familja[41]. Il-prova ta' dan kollu taqa' fuq min jallega l-forza maġġuri biex juri kif imiss li dawn l-elementi kollha jirriżultaw fil-każ li jkun[42];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha tirriżulta ċirkosrtanza partikolari. Dan qiegħed jingħad għaliex bejn il-partijiet kien hemm ftehim miktub, li kien jirregola wkoll x'imissu jsir jekk kemm-il darba r-rabta kuntrattwali bejniethom tintemm (kif tabilħaqq ġara). Madankollu, minbarra l-ftehim, kien hemm ukoll wegħda min-naħa ta' Chartwell (jiġifieri dik li hija tgħaddi lil CFM lista "*unencrypted*" tal-"*passwords*" tal-ġugaturi kollha li kienu reġistrati ma' CFM dakinhar li jseħħ il-proċess ta' 'migrazzjoni'). CFM issejjes ħafna mill-każ tagħha kontra Chartwell sewwasew minħabba li din tal-aħħar ma żammitx dik il-wegħda;

Illi jekk wieħed iħares lejn il-kuntratt li sar bejn il-partijiet[43], għandu jsib li huma ftehmu li "*Upon termination of this Agreement, Chartwell shall promptly return to CFM all copies of CFM data, records or materials of any kind. Subject to subsection 14.3, upon termination of this agreement for any reason CFM shall promptly return to Chartwell all copies of the Gaming Software files from the gaming server or other storage device*". Ma jidhirx li l-ftehim kien jistabilixxi xi sura ta' protokoll dwar kif kellha ssir il-'migrazzjoni' minn Chartwell lill-'pjattaforma' li kellha tidħol warajha (jiġifieri, f'dan il-każ, Boss Media) u minflokha biex CFM setgħet tkompli taqdi lill-klijenti tagħha;

Illi madankollu, fl-atti tal-kawża tressqet prova dokumentali siewja ħafna biex titfa' dawl fuq il-kwestjoni tal-'migrazzjoni'. Minħabba li CFM kienet diġà ħasbet li, minflok Chartwell, tinqeda bis-servizzi ta' Boss Media, kienet din tal-aħħar li stabbiliet il-protokoll dwar kif, fost ħwejjeġ oħra, setgħet issir il-'migrazzjoni' meħtieġa. F'dokument mibgħut minn Boss Media lil CFM fil-bidu ta' Diċembru tal-2007[44], CFM kellha tieħu ħsieb tħejji żewġ "*structured query language scripts*" (SQL scripts)[45] u tibgħathom lil Boss Media f'sura ta' sigurtà sħiħa. CFM qablet ma' dan il-protokoll għaliex il-provi juru li, wara Frar tal-2008, CFM bdiet tinqeda bis-servizzi ta' Boss Media minflok Chartwell;

Illi bis-sistema fuq imsemmi, il-'*passwords*' tal-ġugaturi ma jkunu żvelati qatt u l-ħarsien għall-privatezza tal-ġugatur tibqa' bla mittiefsa wkoll meta jseħħ il-proċess tal-'migrazzjoni'. Mill-mod kif kien imfassal il-ftehim bejn CFM u Chartwell – jiġifieri li jgħid li, mat-temm tal-kuntratt, Chartwell

[41] P.A. **7.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Bell McCance noe*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.636**)
[42] App. Inf. **6.10.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Etienne Rapinett noe et vs Spray Pack Ltd***
[43] Klawsola 14.8 (ara Dok "A", f'paġ. 11 *tergo* tal-proċess)
[44] Dok "AD8" f'paġġ. 56 sa 64 *tergo* tal-proċess
[45] Klawsola 3.2.2. tal-protokoll (f'paġ. 62 tal-proċess)

tieħu lura s-*software* kollu li hu tagħha – kien tabilfors se jkun meħtieġ li l-ġugaturi li kellha reġistrati magħha CFM dakinhar li ntemmet ir-rabta kuntrattwali tagħha ma' Chartwell, kien ikollhom jibdlu l-'*password*' (isir ir-'*reset password*') tagħhom biex jibqgħu jilagħbu logħob li kienet se toffri CFM bir-rabta tagħha ma' Boss Media. Dak li kien meħtieġ li jsir kif preskritt mill-Awtorità – u li jidher illi CFM wettqitu fiż-żmien qrib li seħħet il-'migrazzjoni'[46] – kien li CFM tibgħat tgħarraf lill-klijenti tagħha bil-bidla li kienet se' sseħħ fi tmiem Frar tal-2008 u tagħtihom l-għażla li 'jimmigraw' taħt l-arranġament il-ġdid;

Illi CFM ressqet provi li juru li mija u wieħed u tmenin (181) ruħ għażlu li 'jimmigraw' u baqgħu reġistrati magħha[47];

Illi l-Qorti jidhrilha xieraq ukoll f'dan il-waqt li tgħid li l-kwestjoni ta' min hu sid il-'*password*' ma għandhiex toħloq dubji. Il-'*password*' hija dejjem privata u sidha huwa l-ġugatur li jista' jagħżel li jibdilha x'ħin irid u għal kull raġuni li jidhirlu xierqa jew meħtieġa. Dik il-'*password*' ma tkunx magħrufa u la mill-operatur u lanqas mill-'pjattaforma', imma t-tagħrif dwarha jkun merfugħ f'*encrypted file* li ma jistax "jinfetaħ" jekk mhux bi ksur tal-liġi. Għalhekk, għall-finijiet ta' din il-kawża, meta CFM tgħid li Chartwell kellha tgħaddilha lista tal-'*passwords*' tal-ġugaturi reġistrati magħha fis-sura ta' dokument "*excel*" li sata' jinqara minn min jirċevih, hija tkun qiegħda tippretendi xiħaġa li l-liġi ma tippermettix. Il-kwestjoni ta' kif dak it-tagħrif '*encrypted*' kellu jew seta' jgħaddi mingħand Chartwell lil min daħal minflokha hija kwestjoni oħra;

Illi mill-provi mressqa fl-atti, jirriżulta li Chartwell inżammet mill-Awtorità milli tgħaddi lil CFM il-'*passwords*' tal-klijenti tagħha f'sura li hija setgħet taqrahom ftit tal-ġranet qabel ma saret il-migrazzjoni. Huwa għaldaqstant minnu li Chartwell kienet fl-impossibilità li twettaq dak li wegħdet lil CFM. Fil-fehma tal-Qorti, Chartwell messha kienet taf sewwa l-affarijiet tagħha u tagħraf li ma setgħetx u ma messhiex tat wegħda bħal dik, u kemm hu hekk r-rappreżentant tagħha Matt Avison jgħid b'mod ċar għall-aħħar li, meta kien ta dik il-wegħda, kien wettaq żball ikrah[48]. Dak li jdarras mhux ftit hu li Chartwell ħalliet sa lejliet li kellha tintemm ir-rabta kuntrattwali ma' CFM li bagħtet tavża lil CFM li dak li wegħditha ma setax isir. Fil-fehma tal-Qorti, in-nuqqas min-naħa ta' Chartwell jiġi mill-fatt li, għalkemm kienet taf b'dan l-impediment, naqset li tgħarraf bih lil CFM fi żmien raġonevoli. Madankollu,

[46] Dokti "FC6" u "FC8" f'paġġ. 234 u 259 tal-proċess
[47] Dokti "FC9" u "FC10", f'paġġ. 262 sa 276 u 281 tal-proċess
[48] Xhieda tiegħu f'paġ. 358 tal-proċess

dak in-nuqqas ma jsejjisx il-kawżali tal-inadempiment kuntrattwali li fuqu jistrieħ għal kollox il-każ ta' CFM;

Illi lil hemm minn dawn il-kunsiderazzjoni iżda, il-Qorti ma tistax tieqaf hawn u tħoss li għandha tikkumenta fuq l-obbligazzjoni nnifisha. Dak li jagħmel dan il-każ partikolari huwa l-fatt li CFM talbet lil Chartwell tagħmel ħaġa li, bħala persuna midħla fil-qasam tal-logħob elettroniku, messha kienet taf li ma setgħetx titwettaq. CFM attriċi talbet lil Chartwell tgħaddilha tagħrif (f'dan il-każ klijenti tagħha) li lanqas Chartwell ma kienet tafu u li, fil-qasam tal-logħob elettroniku, hu meqjusa bħala tagħrif "protett". Fil-fatt, din kienet il-posizzjon ċara u bla ekwivoċi li ħadet l-Awtorità f'dan il-każ, meta qieset li huwa l-klijent biss li jista' jkollu aċċess għal '*password*' magħżula minnu b'hekk ma jitħalliex li terza persuna tidħol fuq il-kont tagħha. Hija seħqet li "*under no circumstances should players' passwords be decrypted*"[49];

Illi din iċ-ċirkostanza ssib il-parallel tagħha f'qasam kummerċjali ieħor, fosthom dak ta' '*electronic banking*' fejn il-klijent juża l-internet bħala l-mezz ta' komunikazzjoni għas-servizz bankarju li jitlob. Ingħad li "*From a policy perspective, the acceptance and widespread use of Internet services require a high level of automation and standardization of operations, efficiency and speed in processing a large volume of transactions, certainty and predictability in the rights and obligations of the parties, security of networks and communications and low cost. While the Internet scores high in most of these qualities, the question of security and integrity of networks, systems and communications has always been a crucial determinant of customer acceptance and institutional promotion of Internet services. A wide range of security systems, controls and devices have been tried and implemented to prevent unauthorized access to available Internet services (access control), to verify the identity of the actual user and originator of legally significant electronic instructions (identification) and ensure that whoever uses the service is legally entitled to initiate transactions (authentication) and finally to prevent the rightful account holder from repudiating transactions which were duly authorized via the Internet by the rightful account holder (non-repudiation of transactions)*"[50];

Illi b'żieda ma' dan, il-Qorti ma tistax ma tinnotax li, minkejja li CFM tixli lil Chartwell bin-nuqqas imsemmi, ħareġ ċar li hija seħħilha tikkuntattja lill-klijenti tagħha qabel ma seħħet il-'migrazzjoni' biex tgħarrafhom b'dak li kien se jiġri u bl-għażla tagħhom li, jekk iridu, jibqgħu

[49] Dok. "LGA1" f'paġ. 380 tal-proċess
[50] Apostolos Ath. Gkoutzinis, Internet Banking and the Law in Europe, (Cambridge, 2010 Edit.) paġ. 36

klijenti tagħha. Dan għamlitu bla ma kellha t-tagħrif tal-'*passwords*' tagħhom. Il-fatt li madwar mitejn minnhom għażlu li 'jimmigraw' magħha juri lill-Qorti li l-'*password*' ma kinitx meħtieġa biex klijent ta' CFM jagħmel l-għażla tiegħu u jibqa' klijent tagħha wkoll wara li tintemm ir-rabta kuntrattwali ma' Chartwell. Jekk l-għadd ta' dawk li għażlu li 'jimmigraw' kien wieħed relattivament żgħir meta mqabbel ma' l-għadd li kienu formalment reġistrati bħala klijenti ta' CFM dakinhar li ntemm il-kuntratt ma' Chartwell, dan ma jfissirx li dan ġara għaliex CFM ma kinitx taf il-'*password*' tagħhom, imma għaliex seta' ma għoġobhomx li jagħmlu l-'migrazzjoni';

Illi, fl-aħħarnett, il-liġi tagħna[51] tqis li ħwejjeġ ipprojbiti mil-liġi, jew kuntrarji għall-egħmil xieraq, ma jistgħux ikunu oġġett ta' obbligazzjoni[52]. Il-premessi ta' din il-kawża u t-talbiet attriċi huma mibnija fis-sħiħ fuq din li hija tqis bħala obbligazzjoni li ntrabtet biha Chartwell. Fil-fehma tal-Qorti, la darba dak li CFM talbet li jitwettaq ma setax ikun l-oġġett ta' obbligazzjoni li tiswa, in-nuqqas ta' twettieq tagħha ma jistax iwassal għal ksur ta' obbligazzjoni u wisq anqas għal sejba ta' danni, ukoll jekk bit-tħaddim tal-massima li "*nemo ex turpitudo (eius) oritur jus*";

Illi l-ftehim innifsu li sar bejn il-partijiet jistabilixxi (fi klwasola li titkellem dwar forza maġġuri)[53] li "*... a Party will not be held responsible, nor will it be considered in breach of this agreement, for its failure to fulfil any terms or provisions hereof if such failure was the result of civil disorder, war, governmental decrees or laws ... or by any other cause not within the control of that Party and which could not have been prevented by that Party exercising reasonable diligence*". Fil-fehma ta' din il-Qorti, ukoll kieku jista' jingħad li l-wegħda li Chartwell għamlet lil CFM dwar l-għoti ta' lista *unencrypted* ta' *passwords* fis-sura "*excel*" kienet titqies bħala rabta kuntrattwali, jidher li minħabba li kemm l-Awtorità kif ukoll il-liġi kienu jipprojbixxu milli dan jitħalla jsir, Chartwell tabilħaqq tista' tgħid li kellha quddiemha (minkejja li setgħet tat lok għalih hi stess bil-wegħda li għamlet) xkiel li jżommha milli twettaq dak li wegħdet lil CFM;

Illi CFM għażlet li tressaq il-każ kollu tagħha kontra Chartwell fuq iċ-ċirkostanza li din naqset milli tgħaddilha l-'*passwords*' tal-klijenti tagħha bil-mod imwiegħed. Ma semmiet l-ebda kawżali oħra li dwarha tixli lil Chartwell b'inadempjenza;

---

[51] Art. 985 tal-Kap. 16
[52] Ara wkoll P.A. MC **10.7.2014** fil-kawża fl-ismijiet Salvina Buġeja vs Albert Debono et (konfermata fil-Qorti tal-Appell fis-**27.9.2019**)
[53] Klawsola 15.4 (ara Dok "A" f'paġ. 12 *tergo* tal-proċess)

Illi għalhekk, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li l-**ewwel talba attriċi** fil-parametri li saret ma tistax tintlaqa' għaliex mhijiex mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt. Minħabba f'hekk ukoll, l-eċċezzjonijiet fil-mertu ta' Chartwell, safejn imressqa biex iwarrbu dik ix-xilja speċifika, jidhru mistħoqqa u sejrin jintlaqgħu;

Illi minħabba li t-**talbiet attriċi l-oħrajn** kollha jinbnew fuq ix-xilja magħmula fl-ewwel talba, il-Qorti ssib li lanqas dawn it-talbiet ma jistħoqqilhom jintlaqgħu għaliex ladarba ma ntweriex li Chartwell naqset mir-rabtiet kuntrattwali tagħha lanqas ma jitnisslu l-effetti ta' riżarċiment ta' danni li l-liġi tippreskrivi fil-każ ta' ksur bħal dak;

Illi għalhekk, sa dan ir-rigward, l-eċċezzjonijiet ta' Chartwell fil-mertu jistħoqqilhom jintlaqgħu u dawk it-talbiet attriċi se jkunu miċħuda;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-talbiet attriċi** bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt, billi ma jirriżultax li kien hemm inadempiment kuntrattwali min-naħa tal-kumpannija mħarrka;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu** tal-kumpannija mħarrka safejn jirrigwardaw ix-xiljiet tal-inadempiment kuntrattwali; u

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-kumpannija attriċi.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**10 ta' Ottubru, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**10 ta' Ottubru, 2019**